**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 96/2020**

**Il-Pulizija**

**vs.**

*Omissis*
**Christopher Scerri**

Illum 26 ta' Settembru 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra *Omissis* u l-appellant **Christopher Scerri**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 419778(M), akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli:

1. nhar is-06 ta' Settembru 2009, għall-ħabta tat-tmienja nieqes kwart ta' filgħodu, ikkommettew serq minn ġewwa r-residenza bl-isem *Tesant*, li tinsab fi Triq Wied il-Għajn, Żabbar, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin

ċenteżmu (€2,329.37) u bil-lok, u dan għad-detriment ta' Maria Teresa u Anthony Lia minn Ħaz-Żabbar u/jew persuna jew persuni oħra;

**Lil *Omissis* waħdu talli**:

2. irrenda ruħu reċidiv *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

**Lil Christopher Scerri waħdu talli**:

3. kiser il-provedimenti ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta billi kkommetta reat li għalih hemm piena ta' priġunerija waqt il-perjodu ta' sentenza sospiża għal erba' snin mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (Maġistrat Dr. Saviour Demicoli LL.D.) fl-14 ta' Novembru 2007, kif ukoll sentenza sospiża għal sentejn mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (Maġistrat Dr. Michael Mallia LL.D.) fl-14 ta' Jannar 2008;

4. kiser il-provedimenti ta' Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (Maġistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D.) nhar is-16 ta' Novembru 2007;

5. irrenda ruħu reċidiv *ai termini* ta' Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-17 ta' Ġunju 2020, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 28A, 49, 50, 261(b)(c)(e), 263, 264(1), 265, 267, 269(b), 278(2)(3), 279(b), 280(1)(2), 281 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Christopher Scerri ħati tal-

imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tiegħu u b'kollox kkundannatu seba' (7) snin prigunerija li jikkonsistu fis-segwenti:

- in kwantu għal każ li wassal għal dawn il-proċeduri ikkundannatu għal sentejn priġunerija[1];

- in kwantu għall-fatt li kkommetta reat punibbli bi priġunerija waqt il-perjodu operattiv ta' sentejn priġunerija sospiżi għal erba' snin hekk kif mogħtija lilu mill-Maġistrat Dr. Saviour Demicoli LL.D., nhar il-14 ta' Novembru 2007, liema sentenza hija assoluta u ma' tistax tinbidel, il-Qorti daħħlet l-ordni fis-seħħ u kkundannatu sentejn priġunerija;

- in kwantu għall-fatt li kkommetta reat punibbli bi priġunerija waqt il-perijodu operattiv ta' sena priġunerija sospiża għal sentejn hekk kif mogħtija lilu mill-Maġistrat Dr. Michael Mallia LL.D., nhar il-14 ta' Jannar 2008, liema sentenza hija assoluta u ma tistax tinbidel, il-Qorti daħħlet l-ordni fis-seħħ u kkundannatu sena priġunerija;

- ħassret l-ordni ta' liberta kundizzjonata magħmula bis-sentenza mogħtija mill-Qorti nhar is-16 ta' Novembru 2007 u wara li rat Artikoli 261(b)(c)(e), 263, 264, 265, 266, 267, 279(b), 280, 281 u 325 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kkundannat lill-imputat għall-piena ta' sentejn priġunerija.

Wara li rat Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti kkundannat lill-imputat iħallas elf u tmienja u għoxrin Euro u tliet ċenteżmi (€1,028.03)[2] marbuta mal-ħatra tal-esperti fi spejjeż peritali.

---

[1] *"U dan minħabba dewmien li kien hemm biex ikun deċiż il-każ għaliex li kieku l-imputat kien sentenzjat qrib ħafna meta seħħ il-każ il-piena kienet tkun ferm aktar għolja għaliex l-anzjani għandhom ikunu protetti u mħarsa għaliex mhux sewwa jkollhom jissakkru ġo djarhom fil-biża għaliex jekk imorru jisimgħu l-quddies ikun hemm xi ħadd lest jidħlilhom f'darhom u jisraqhom."*

[2] *"PS 964 Robert Scicluna (Scene of the Crime Officer) €35.51, PS516 Alfio Borg (Scene of the Crime Officer) €103.53, PS186 Kristian Mintoff (Scene of the Crime Officer) €65.74, John Sacco €336.98, Joe Mallia €486.27 – Total: €1,028.03."*

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-3 ta' Lulju 2020 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tilqa' dan l-appell billi, fil-konfront ta' Christopher Scerri, billi* ***TĦASSAR U TIRREVOKA*** *s-sentenza appellata fid-dawl tad-difett riskontrat,* ***TIDDIKJARAHA*** *għalhekk nulla u bla effett, u* ***TIRRIMETTI*** *l-atti lura, sabiex l-appellant ma jkunx privat mill-benefiċċju tad-doppio esame; jew alternattivament* ***TĦASSAR U TIRREVOKA*** *s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u minflok tiddikjarah mhux ħati tagħhom u konsegwentement* ***TILLIBERAH*** *minnhom; jew sussidjarjament* ***TIRRIFORMA*** *s-sentenza appellata fil-parti tal-piena nflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fis-17 ta' Ġunju 2020.

Illi għandu jingħad illi oriġinarjament il-kawża odjerna bdiet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-konfront ta' ċertu Freddie Delia u fil-konfront tal-appellant Christopher Scerri. Għandu jingħad ukoll li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat sentenza fil-konfront taż-żewġ persuni msemmija fl-24 ta' Settembru 2018 (*a fol.* 450 *et seq.*) minn liema sentenza jirriżulta li ġie mressaq appell minn Christopher Scerri b'dan illi din il-Qorti diversament preseduta tat sentenza fl-14 ta' Frar 2019 (*a fol.* 466 *et seq.*) li permezz tagħha s-sentenza

mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-24 ta' Settembru 2018 ġiet dikjarata nulla u l-atti ġew mibgħuta lura lill-Qorti msemmija sabiex il-każ jerġa' jiġi mismugħ u deċiż skont il-liġi.

Illi in segwitu ta' dak li ngħad fil-paragrafu preċedenti, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (diversament preseduta minn dik li tat is-sentenza fl-24 ta' Settembru 2018) tat sentenza fil-konfront tal-appellant Christopher Scerri fis-17 ta' Ġunju 2020 (*a fol.* 513 *et seq.*), minn liema sentenza appella l-imsemmi Christopher Scerri u din is-sentenza tallum tirrigwarda dan l-appell appena msemmi.

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant iressaq numru ta' aggravji dwar is-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fis-17 ta' Ġunju 2020. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar dawn l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jisħaq li s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fis-17 ta' Ġunju 2020 hija nulla minħabba li jgħid li minkejja li l-Qorti msemmija sabitu ħati talli kiser l-ordni ta' liberta kundizzjonata, hija naqset milli ssemmi l-Artikoli tal-liġi fil-parti diżposittiva tas-sentenza u ċioè naqset li ssemmi Artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Jisħaq li l-Ewwel Qorti naqset milli tottempera ruħha ma' dak li jipprovdi Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Filwaqt li jagħmel riferenza għal numru ta' sentenzi mogħtija mill-Qrati jisħaq li s-sentenza appellata hija waħda rrita u nulla u jgħid li għalhekk din il-Qorti għandha terġa' tibgħat l-atti kollha lill-Ewwel Qorti sabiex jerġa' jsir ġudizzju mill-ġdid u sabiex huwa ma jiġix imċaħħad mid-dritt tiegħu għal benefiċċju tad-*doppio esame*.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tinnota li fid-*decide* tas-sentenza appellata *ossia* dik tas-17 ta' Ġunju 2020 filwaqt li hemm

imniżżel li l-Ewwel Qorti kienet qed issib lill-appellant allura imputat Christopher Scerri ħati tal-imputazzjonijiet kollha li huwa kien addebitat bihom, hemm imniżżla wkoll l-Artikoli tal-liġi li jirrigwardaw tali ħtija b'dan illi fir-rigward tal-ħtija misjuba fir-rigward tal-imputazzjoni li tirrigwarda l-ksur ta' provediment ta' Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta ma hemmx imniżżel għal tal-anqas Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta li jirrigwarda tali ksur. Għaldaqstant huwa minnu dak imsemmi mill-appellant fl-aggravju in eżami fir-rigward ta' dan in-nuqqas.

Illi f'dan l-istadju jkun opportun li din il-Qorti tagħmel riferenza għal Artikolu 382 ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

> "Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat." [emfażi miżjuda]

Illi riferenza għandha ssir ukoll għal sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fis-27 ta' April 2006 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Stephen Bonsfield** (Numru 327/2005) fejn ingħad hekk:

> "Li skond l-Artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Maġistrati, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid l-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-Artikolu tal-Kodiċi Kriminali jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat;
>
> Fil-kaz in eżami, l-Ewwel Qorti f'ebda ħin ma ddikjarat espressament ta' x'hiex kienet qed issib lill-appellant ħati u għalkemm *"passim"* fis-sentenza appellata kkummentat dwar kif skondha ġraw il-fatti, b'mod li wieħed jista' jkollu indikazzjoni vaga ta' x'hiex seta' nstab ħati, dan jibqa' alkwantu inċert, partikolarment meta ssir riferenza għall-artikoli ċitati mill-Qorti bħala l-artikoli li suppost

jikkontemplaw ir-reati li tagħhom suppost instab ħati, li in parti huma differenti minn dawk indikati mill-Avukat Ġenerali u huma jew ineżistenti jew manifestament mhux relatati mal-każ. Meta l-liġi issemmi li l-Qorti *"għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati"*, dan ma jfissirx li dan il-vot ikun sodisfatt bil-fatt li l-Qorti tkun għaddiet in rassenja – anki b'mod eżawrjenti bħal f'dan il-każ – il-provi. Imma dan ifisser li l-Qorti trid tgħid eżattament u espressament ta' liema reati sabitu ħati billi tgħid fil-qosor f'hix jikkonsisti r-reat li rriżulta pruvat.

Illi skond ġurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n-nuqqas li jiġi rispettat strettament il-vot tal-liġi fl-Artikolu 382 jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan għaliex dan-nuqqas jammonta għal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-Artikolu 428(3) tal-Kodiċi Kriminali. F'każ simili dan jintitola lil din il-Qorti li tħassar is-sentenza appellata. (ara f'dan is-sens l-Appelli Kriminali: **"Il-Pulizija vs. Paul Cachia"** [25.9.2003]; **"Il-Pulizija vs. Joseph Zahra"** [9.9.2002]; **"Il-Pulizija vs. Benjamin Muscat"** [10.7.2002 u 28.6.2002]; **"Il-Pulizija vs. Donald Cilia"** [24.4.2002], **"Il-Pulizija vs. Mark Portanier"** [14.9.2004]; **"Il-Pulizija vs. John Axiaq et"** [19.5.2005]; **"Il-Pulizija vs. Stefan Abela"** [2.2.2006] u oħrajn).

Illi ġie ukoll ritenut li l-indikazzjoni tal-artikolu ħażin jew addirittura l-indikazzjoni tal-liġi skorretta hu ekwiparat ma' n-nuqqas ta' ċitazzjoni tal-artikolu tal-liġi li taħtu tkun instabet ħtija. (ara **"Il-Pulizija vs. Mario Agius"** [3.2.1995] u oħrajn).

Illi ġie ukoll ritenut li l-Qorti tista' dejjem tirrileva tali nuqqas *"ex officio"* għalkemm ma hemm ebda aggravju dwar dan. (ara. App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Anthony Zahra"** [26.5.1994]; **"Il-Pulizija vs. Vincent Cucciardi"** [6.1.2005] u oħrajn).

> Għaldaqstant l-aggravju tal-appellant dwar in-nullita' tas-sentenza għandu jiġi akkolt mhux biss għaliex l-Ewwel Qorti naqset li ssemmi l-fatti li tagħhom l-appellant instab ħati, imma ukoll għaliex, kif irriskontrat din il-Qorti *"ex officio"*, fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti ċċitat artikoli li mhux biss ma ġewx indikati lilha mill-Avukat Ġenerali fin-Nota tiegħu, imma artikoli li jew huma ineżistenti jew manifestament żbaljati."

Illi minkejja li dak li ngħad fis-sentenza hawn fuq ikkwotata ma kienx identiku eżatt għall-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, din il-Qorti tinnota li n-<u>nuqqas</u> tal-Ewwel Qorti li fid-*decide* tas-sentenza tagħha tonqos milli ssemmi Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta li jirrigwarda l-ksur ta' Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta jwassalha sabiex tabbraċċja l-insenjament hawn fuq ikkwotat. Tenut kont tal-fatt li din il-Qorti abbraċċjat l-insenjament hawn fuq ikkwotat bħala konsegwenza ta' liema l-aggravju in eżami qed ikun milqugħ, b'hekk isegwi li hija ma għandhiex għalfejn tagħmel konsiderazzjonijiet dwar l-aggravji l-oħra mressqa fir-Rikors tal-appell tal-appellant.

Illi kif qalet is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Stephen Bonsfield** hawn fuq iċċitata:

> "Illi pero' dan ma jwassalx għall-annullament tal-proċedura kollha li saret quddiem l-Ewwel Qorti kif qed jippretendi l-appellant fl-istess aggravju tiegħu. In-nullita' hija limitata biss għas-sentenza u kull parti oħra preċedenti tal-proċeduri kontra l-appellant tibqa' bla mittiefsa u għalhekk kull ma jrid isir hu li l-Ewwel Qorti terġa' tippronunzja s-sentenza billi ssegwi l-vot tal-Artikolu 382 u xejn aktar u konsegwentement l-appellant irid jitpoġġa mill-ġdid fil-pożizzjoni li kien immedjatament qabel ma ġiet ippronunzjata s-sentenza appellata."

Illi dak li ngħad hawn fuq huwa proprju dak li ser tagħmel din il-Qorti u li sar ukoll f'diversi sentenzi oħra mogħtija minn din il-

Qorti diversament preseduta, fosthom dik mogħtija fl-1 ta' Ġunju 2011 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jeffrey Savage** (Numru 464/2010).

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-ewwel aggravju mressaq mill-appellant Christopher Scerri fis-sens li qed tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u, biex ma tipprivax lill-partijiet mill-benefiċċju tad-*doppio esame*, qed tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex l-appellat jerġa' jitpoġġa fil-pożizzjoni li kien immedjatament qabel ma ġiet pronunzjata s-sentenza appellata u biex terġa' tingħata sentenza mill-ġdid skont il-liġi.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**